MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 625/2000/1

**Avviz. numru 625/00**

**Numru**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc,**
**cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha David Vella u l-istess David Vella u b'nota tat-13 ta' Mejju 2004 is-socjeta Elmo Insurance Limited assumiet l-atti ta'**
**din il-kawza minflok is-socjeta Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta estera Royal and Sun Alliance Insurance plc**

**Vs**

**David D'Anastasi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et tablu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici nomine et is-somma komplessiva ta' hames mija sitta u tmenin lira sitta u tletin centezmu (Lm586.36c) u b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2001 jizdiedu l-kliem sitt mija u tmienja u tletin lira u hdax il-centezmu (Lm638.11) minflok il-kliem in kwantu ghal hames mija wiehed u sittin lira sitta u tletin centezmu (Lm561.36c) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal-hamsa u ghoxrin lira (Lm25) u b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2001 il-kliem hamsa u ghoxrin lira Maltin qed jigu sostitwiti b'sitta u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm76.75) lill-attur David Vella, in linea ta' danni – minnhom sborsati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Fgura fit-18 ta' Dicembru 1999, meta waqt li l-konvenut kien qed iregga' lura vettura Nru. EAC 306 habat mal-vettura Nru CBC 157 propjeta' tal-attur David Vella u misjuqa minnu – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperijza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2000 u dawk tal-itra ufficjali presentata ma' l-avviz ghan-notifika tal-asiskurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenut (Fol 5 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti ma huwiex responsabbli tal-incident tat-traffiku in kwistjoni izda huwa is-sewwieq tal-vettura l-ohra assigurat u attur li ghamel manuvra bla kont u kkaguna dan.
2. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment id-digriet moghti fl-4 ta’ Dicembru 2001 (fol 31 u fol 32 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, in konnessjoni ma din il-kollisjoni, PS 954 Paul Mangion (fol 12 u fol 53 ibid) spjega li il-vetturi involuti kienu iccaqalqu minn posthom meta wasal fuq il-post u b’hekk ma setax jaghmel skizz in rigward l-sites incident. Hu, pero’, esebixxa kopja tar-rapport, redatt minnu (fol 16 ibid) minn fejn jidher li, “a caldo”, l-attur David Vella kien stqarr li kien gej mid-direzzjoni ta’ Haz Zabbar u dar lejn Triq ir-Rihan. Kif kien diehel f’din it-triq, l-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenut “reversed and collided” ma dik misjuqa minnu. Dwar dan, il-konvenut stqarr li kien qed jipparkegga fl-istess Triq ir-Rihan, Fgura u waqt li kien “reversing hu habat mal-vettura misjuqa mill-attur. Anke meta riprodott, in kontro esami, l-istess PS 154 Paul Mangion kompla jsostni li “…il-partijiet qablu li l-konvenut kien qed jirriversja”.

Illi l-istess David Vella ikkonferma (a fol 26 et seq ibid) li kif dahal f’Triq ir-Rihan, hu sab vettura wiccha l-isfel qed tigi ndjetreggata sabiex tipparkegga fuq ix-xellug. Konsegwentement il-vettura tieghu intlaqtet fuq iz-zewg bibien fuq il-lemin taghha. Hu kompla jispjega, li l-ewwel darba li kien ra l-vettura l-ohra, din kienet wieqfa fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Meta kompla jsuq l-isfel, l-ohra dahlet go fih kif kienet qed tindjetregga.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (Fol 33 ibid) meta xehed biddel il-versjoni tieghu tal-akkadut kif moghtija minnu lill-imsemmi fizjal tal-Pulizija. Difatti, hu qal li hu kien “wieqaf u mitfi” meta giet vettura ohra tal-marka Mitsubishi, minn warajh u habtet mieghu. Skond dejjem il-konvenut, hu kien qal li meta saret din il-kollisjoni, il-vettura tieghu kienet wieqfa, kontrarjament ghal dak li hemm mnizzel fir-rapport tal-incident, kif hemm fuq sintetizzat. Jigi notat ukoll li hu xehed li “lill-iehor kont rajtu mill-mera ta‘ barra fuq in-naha tal-passigier’ waqt li kien gej minn warajh.

Ikkunsidrat

Illi, dawn huma l-unici provi prodotti f’dan il-kaz (ara, f’dan ir-rigward, fol 37 u 38 tal-istess atti) u kif jidher evidenti, l-konvenut biddel il-versjoni tieghu tal-fatti billi kif di gja inghad, l-ewwel qal li kien qed jindjetregga l-vettura misjuqa minnu meta gara l-incident in esami waqt li, meta xehed, hu sostna li kien wieqaf meta saret il-habta. In konnessjoni ma dan, ma ingiebet ebda prova sabiex jista’ jigi konkluz li dak imnizzel fir-rapport tal-Pulizija ma hux minnu jew li l-istess fizzjal ma nizzilx, bi precizjoni dak li intqal lilu mill-istess konvenut. Ghalhekk il-Qorti tara li, difatti, l-konvenut kien stqarr, immedjatament wara dan l-incident, illi hu kien qed jreggi lura l-karozza tieghu. Inoltre jidher ukoll li tali manuvra kienet il-kawza immedjata tal-istess incident u li ma kienetx qed tigi esegwita, bid-debita kawtela u attenzjoni, da parti tal-istess konvenut. Filfatt kieku l-konvenut esegwixxa l-istess manuvra attentament, ma kienx jolqot lill-vettura misjuqa mill-attur, David Vella.

Ikkunsidrat

Illi l-ammont ta’ danni pretizi fl-avviz in esami (ara d-digriet tal-4 ta’ Dicembru 2001 u a fol 31 u 32 tal-istess atti) ma giex kontestat liema ammont hu ampjament dokumentat (fol 18 sa 24 tal-atti).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ it-talbiet attrici u;

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imprudenza, imperizja, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut;
2. Tillikwida l-ammont ta’ danni komplessivament fis-somma ta’ Lm618.11,0 u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ Lm561.36,0 u lill-attur David Vella Lm76.75,0 bl-imghax legali mill-15 ta ‘Mejju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk

tal-ittri ufficjali tal-20 ta’ Marzu 2000 u tal-15 ta’ Mejju 2000, imsemmijin fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------